A.L. 68 ta' l-2002

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' Lm20,200,000 5.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (It-Tieni Ħruġ)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm20,200,000 5.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:–

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u/jew entijiet jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. Tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

3. Applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* hi Lm20,200,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm2.95,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fid-9 ta' April u fid-9 ta' Ottubru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu bejn l-10 ta' April, 2002 u d-9 ta' Ottubru, 2002 isir fid-9 ta' Ottubru, 2002.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fid-9 ta' Ottubru, 2015.